MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Numru. 356/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Michelle Bondin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Michelle Bondin bint Joseph u Domenica nee' Caruana mwielda Victoria Gozo fid-9ta' Mejju 1988 u residenti 112 Triq il-Kbira Zejtun, ID 20488 (G)

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-15 u 16 ta' Awwissu 2007 u matul l-ahhar tnax-il xahar qabel din id-data

(a) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) meta ma kienitx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-regolament 3 subinciz 1 ta’ l-Avviz Legali 22 ta’ l-1985, kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Kap V tal-1985 kif emendat.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 120(A) ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba taghha u terga’ lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fatt li kkoperat mal-pulizija u li l-fedina penali taghha mhix wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 issib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta’

Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti twissiet lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hatja esprimiet r-rieda taghha li tikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u l-Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------